**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 27 ta' Diċembru 2024

**Il-Pulizija**
**vs**
**Popov Vasily**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Popov Vasily,** imwieled ir-Russja nhar l-1 ta' Ottubru tas-sena 1989 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0077880A akkużat talli:

Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) f'xi ħin bejn is-sebgħa (19:00hrs) u s-sebgħa u nofs (19:30hrs) ta' filgħaxija ġewwa Nordic Bar, sitwat ġewwa Triq Santa Rita, San Ġiljan u/jew ġewwa bnadi oħra f'dawn il-ġżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Alan Mizzi u/jew persuna oħra u/jew entita;
2. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' ħsieb tiegħu innifsu;

U aktar talli fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet, ġimgħat u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer Maltin:

3. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-artikoli 533, 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tagħha, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tagħha u jerġgħu lura minnha.

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħhom, ħlief għat-tielet akkuża u ċioe dik ta' riċetazzjoni li evidentement hija alternattiva għall-akkuża ta' serq li l-imputat qiegħed jinsab ħati tagħha.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni il-qbil ta' bejn il-partijiet illi l-imputat jingħata piena ta' priġunerija sospiża abbinata ma' Ordni ta' Trattament sabiex ikollu għajnuna biex jindirizza l-problema ta' alkoholiżmu. Il-Qorti taqbel mal-partijiet illi in vista tan-natura tal-akkużi, il-fedina penali netta tal-imputat, l-ammissjoni bikrija irreġistrata minnu u l-kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija, l-imputat m'għandux jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva. Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll id-dikjarazzjoni tal-imputat li huwa lest illi jħallas lill-vittma is-somma ta' tlett mitt ewro li huwa seraq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imputat mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-bqija tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' tmintax -il xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għal erba' snin.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal erba' (4) snin mill-llum skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll ir-responsabbilita tiegħu

jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Trattament jew l-Ordni ta' Supervizjoni.

Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna lill-imputat sabiex iħallas lil Alan Mizzi is-somma ta' tlett mitt ewro fi żmien sitt xhur mill-illum.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Ann Marie Thake**
Maġistrat

**Ylenia Spiteri**
Deputat Reġistratur